

**MT**

**MT**

**MT**



## KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.7.2009  
KUMM(2009) 336 finali

### RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi)**

## WERREJ

<b>1.</b>	<b>Daħla.....</b>	<b>3</b>
1.1.	Kuntest .....	3
1.2.	L-ambitu u l-metodoloġija .....	3
<b>2.</b>	<b>Il-Qafas Istituzzjonal u ta' Infurzar: it-twaqqif tan-Netwerk KPK .....</b>	<b>4</b>
2.1.	It-twaqqif tan-Netwerk KPK: in-nomina tal-awtoritajiet.....	4
2.2.	L-iżvilupp tal-ġħodda tal-IT: is-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur .....	5
2.3.	Il-Kumitat KPK .....	5
2.4.	L-emendi għall-anness tar-Regolament .....	6
<b>3.</b>	<b>It-thaddim tan-Netwerk KPK – l-ewwel valutazzjoni .....</b>	<b>6</b>
3.1.	Ġenerali .....	6
3.2.	L-ġħodda tal-IT .....	7
3.3.	It-thaddim tan-Netwerk: in-nuqqasijiet prinċipali .....	7
<b>4.</b>	<b>Il-qafas usa' għall-kooperazzjoni .....</b>	<b>9</b>
4.1.	L-attivitatjet komuni u l-iskambju ta' uffiċjali .....	9
4.2.	Il-kooperazzjoni ta' infurzar ma' pajjiżi terzi .....	9
<b>5.</b>	<b>Konklużjonijiet.....</b>	<b>9</b>
5.1.	Ġenerali .....	9
5.2.	Il-konsolidazzjoni tan-Netwerk KPK.....	10
5.3.	It-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tan-Netwerk .....	10
5.4.	It-tishħiħ tal-qafas għall-kooperazzjoni amministrattiva .....	11

## **1. DAĦLA**

### **1.1. Kuntest**

Ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni fejn tidħol il-Protezzjoni tal-Konsumaturi<sup>1</sup> (ir- "Regolament KPK") kien adottat fis-27 ta' Ottubru 2004 u daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2006 wara sentejn ta' xogħol preparatorju intensiv mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Dan jistabbilixxi netwerk madwar l-UE ta' awtoritajiet pubbliċi responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet tal-konsumatur fl-Istati Membri (in- "netwerk KPK"), li bdiet topera f'Diċembru 2006. Fl-ambitu tiegħi, ir-Regolament KPK parzjalment jarmonizza l-poteri investigattivi u ta' infurzar tal-awtoritajiet u jistabbilixxi l-mekkaniżmi għall-iskambju tat-tagħrif rilevanti u/jew it-teħid ta' azzjoni ta' infurzar biex iwaqqfu l-ksur f'sitwazzjonijiet transkonfinali<sup>2</sup>. Dan jobbliga lill-Istati Membri jaġixxu fuq talbiet ta' assistenza reċiproka indirizzati lilhom permezz tan-Netwerk KPK u biex jiżguraw li bieżżejjed riżorsi huma allokat għall-awtoritajiet tan-netwerk biex dawn l-obbligi jkunu onorati. Ir-Regolament jipprovd ukoll qafas usa' għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni amministrattiva li għalihom il-Kummissjoni tipprovdi fondi.

Billi r-Regolament jifforma parti mill-Ftehim tal-EEA<sup>3</sup>, l-istess regoli u mekkaniżmi japplikaw ukoll għall-pajjiżi tal-EFTA li qed japplikaw il-Ftehim tal-EEA. Dawn tal-aħħar huma integrati bis-šíħiħ fl-attivitajiet tan-netwerk.

Bil-provvista ta' għodda effettiva għall-infurzar transkonfinali u qafas għall-iskambju tal-aħjar prattika u xogħol komuni, l-għan ewljeni tar-Regolament huwa li jiggantixxi livell għoli kostanti ta' ħarsien tal-konsumatur madwar l-UE u li jsaħħa il-kunfidenza tal-konsumatur fis-suq intern.

### **1.2. L-ambitu u l-metodoloġija**

Dan ir-rapport huwa konformi mal-obbligu tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolment KPK li kull sentejn tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolment imsemmi.

Dan ikopri l-ewwel sentejn operattivi tan-Netwerk KPK, jiġifieri l-2007 u l-2008. Fejn xieraq, qed issir referenza għax-xogħol preparatorju li sar qabel l-2007 biex iku żgurat li n-netwerk saret operattiva f'Diċembru 2006 kif suppost.

Ir-rapport jibni fuq ir-rapporti bijennali ppreparati mill-Istati Membri<sup>4</sup> biex jonorow l-obbligi ta' rapporta tagħhom skont ir-Regolament kif ukoll fuq dejta ta' statistika

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi); ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

<sup>2</sup> In-netwerk taġixxi biex tħares l-interess kollettiv tal-konsumaturi u għaldaqstant ma tindirizzax ilmenti individuali tal-konsumaturi.

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-kumitat konġunt taż-ŻEEN Nru 92/2006 tas-7 ta' Lulju 2006.

<sup>4</sup> Ir-rapporti bijennali tal-Istati Membri huma ppubblikati fuq is-sit Europa

estratta mill-għodda tal-IT użata min-Netwerk KPK u l-esperjenza prattika miksuba permezz tas-sweeps tal-UE<sup>5</sup> inizjali kkoordinati mill-Kummissjoni.

## 2. IL-QAFAS ISTITUZZJONALI U TA' INFURZAR: IT-TWAQQIF TAN-NETWERK KPK

Fl-ewwel żewġ kapitoli tiegħu ir-Regolament KPK jistipula l-elementi istituzzjonali u l-elementi oħrajin li kellhom ikunu f'posthom biex in-Netwerk KPK tkun imwaqqfa sal-aħħar tal-2006.

### 2.1. It-twaqqif tan-Netwerk KPK: in-nomina tal-awtoritajiet

Biex tkun imwaqqfa n-Netwerk KPK, ir-Regolamnet jirrikjedi li l-Istati Membri jinnominaw awtoritajiet ta' infurzar (l-'awtoritajiet kompetenti) u Uffiċjal Uniku ta' Kollegament biex jikkoordina l-applikazzjoni tar-Regolament fuq livell nazzjonali. Huma mitluba wkoll jiżguraw li dawn l-awtoritajiet ikollhom il-poteri investigattivi u ta' infurzar minimi stabbiliti mir-Regolament u li jingħataw riżorsi adegwati biex jonoraw l-obbligi tagħhom.

L-Istati Membri kollha kellhom jagħmlu sforzi sostanzjali biex jadattaw il-qafas leġiż-lattiv nazzjonali tagħhom biex jirrispettaw ir-rekwiżiti tar-Regolament KPK, b'mod partikolari biex iwaqqfu l-istruttura necessarya biex ikun jistgħu jindirizzaw il-kooperazzjoni transkonfinali. Il-bidliet kienu jikkonċernaw l-aktar modifikasi għall-poteri investigattivi u ta' infurzar mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali tal-konsumatur sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' poteri minimi stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament. F'xi każijiet madankollu, kellhom jinħolqu awtoritajiet ġoddha u s-sistema ta' infurzar nazzjonali kellha tkun emendata biex ikun żgurat li l-awtorijat pubbliċi jingħataw poteri ta' infurzar skont ir-Regolament.

Sal-aħħar tal-perjodu ta' rappurtagġġ, l-Istati Membri kollha kienu nnotifikaw lill-Kummissjoni bil-lista ta' awtoritajiet minbarra żewġ Stati Membri li kien għad iridu jinnofikaw lill-awtoritajiet responsabbi mill-infurzar bid-Direttiva dwar il-Prattiċi Kummerċjali Inġusti (id-Direttiva UCP - Unfair Commercial Practices)<sup>6</sup>.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, il-lista ta' awtoritajiet innotifikati lill-Kummissjoni hija ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>7</sup>.

Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib il-proċess ta' notifika tal-awtoritajiet u esprimiet tħassib dwar l-effiċċenza tal-korpi amministrativi nazzjonali nnominati f'żewġ każijiet, minħabba n-numru kbir ta' awtoritajiet involuti, u stiednet lill-Istati Membri biex jikkunsidraw mill-ġdid il-qafas ta' infurzar innotifikat. Fiż-żewġ każijiet, kienet imressqa proposta alternattiva, iż-żda kienet għadha mhix implementata, minħabba dewmien fil-proċeduri nazzjonali biex ikunu nnominati l-awtoritajiet il-ġoddha.

<sup>5</sup> Is-sweeps tal-UE huma eżerċizzji ta' sorveljanza u infurzar tas-suq komuni mnedja mill-awtoritajiet tan-Netwerk.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2005/29/KE tal-11 ta' Mejju 2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern, ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22-39.

<sup>7</sup> ĠU C 40, 23.2.2007 u ĠU C 286, 28.11.2007. Bħalissa qed isiru l-preparamenti għal aġġornament li jinkludi t-tibdil innotifikat minn Ġunju 2007 'lil hawn.

Fir-rigward tal-obbligazzjoni biex ikunu provduti riżorsi adegwati, huwa diffiċli li wieħed jistma bis-sħiħ is-sitwazzjoni abbażi tal-informazzjoni provvuta fir-rapporti nazzjonali biss. Id-dejta f'dawn ir-rapporti rari tirrifletti b'mod eskużiv attivitajiet tal-KPK u mhijiex paragunabbli. Jidher li x-xogħol li jsir fil-qafas tar-Regolament KPK ġeneralment isir minn uffiċjali apparti x-xogħol regolari tagħhom u huwa għalhekk diffiċli li wieħed jistma r-riżorsi ddedikati għan-Netwerk. Għalkemm l-awtoritajiet kollha nnominaw tal-anqas persuna waħda ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mal-KPK, jidher li hemm differenzi importanti fil-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri.

## **2.2. L-iżvilupp tal-għodda tal-IT: is-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur**

L-Artikolu 10 tar-Regolament KPK jipprovd iż-żvilupp ta' għodda tal-IT li l-awtoritajiet għandhom jużaw għall-iskambju tal-informazzjoni. L-iżvilupp u l-amministrazzjoni tas-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPCS - Consumer Protection Cooperation System) jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni involviet mill-qrib lill-Istati Membri f'dan il-proġett u stabbilit grupp ta' utenti prinċipali, li jipprovd assistenza fix-xogħol analitiku ta' qabel l-żvilupp tal-funzjonijiet tas-CPCS u l-ittestjar ta' verżjonijiet ġodda.

L-ewwel verżjoni b'funzjonalità bażika kienet operattiva qabel ma n-Netwerk KPK kienet imnedija. Minn dakħar, diversi verżjonijiet b' titjib kienu introdotti biex titjeb l-esperjenza tal-utenti fl-użu tal-għodda, biex titjeb il-funzjonalità eżistenti u għall-żvilupp ta' karakteristiċi ġodda.

## **2.3. Il-Kumitat KPK**

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament, il-Kummissjoni hija meħġjuna fil-ħidmiet tagħha tal-implimentazzjoni minn Kumitat magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri (il-“Kumitat KPK”). Il-Kumitat huwa presedut mill-Kummissjoni.

Waħda mill-ewwel ħidmiet tal-Kumitat kien l-istipular ta' sett ta' regoli għall-operat tal-Kumitat KPK, li jikkjarifikaw fit-tit mill-prinċipji stabbiliti mir-Regolament KPK. Dawn jinkludu dispożizzjoni dwar limiti ta' żmien, rekwiżiti minimi mandatorji ta' informazzjoni għat-talbiet u d-drittijiet differenti ta' aċċess għall-informazzjoni skambjata permezz tal-għodda tal-IT. Il-Kummissjoni adottat ir-regoli tal-implimentazzjoni<sup>8</sup> f'Diċembru 2006 fi żmien propizju għat-tnejha tan-Netwerk.

---

<sup>8</sup>

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2006 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet għall-ħarsien tal-konsumatur fir-rigward tal-assistenza reċiproka kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/282/KE tas-17 ta' Marzu 2008; ĠU L 32, 6.2.2007 u ĠU L 89, 1.4.2008.

## **2.4. L-emendi għall-anness tar-Regolament**

Ir-Regolament KPK fih anness li jelenka l-atti legali li l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni huma applikabbi għalihom. L-anness jkopri principally il-liġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur tal-UE iżda jinkludi wkoll xi setturi differenti oħrajn<sup>9</sup>.

L-anness kien emendat matul il-perjodu ta' rappurtagħ biex jinkludi d-Direttiva 2005/29/KΕ dwar il-Prattiċi Inġusti tal-Kummerċ. Tliet proposti biex l-anness tal-KPK ikun estiż aktar għadhom pendenti. Dawn jinkludu projbizzjoni fup l-ispm<sup>10</sup> u żewġ proposti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fl-oqsma tat-trasport bil-baħar u bix-xarabanks<sup>11</sup>. Filwaqt li hemm aktar proposti biex il-leġiżlazzjoni tal-UE tissahħħah permezz tan-Netwerk KPK, il-priorità kurrenti tal-Kummissjoni hija li tikkonsolida n-Netwerk qabel tidħol għal aktar emendi għall-anness tar-Regolament.

## **3. IT-THADDIM TAN-NETWERK KPK – L-EWWEL VALUTAZZJONI**

### **3.1. Ċonvenzioni**

Wara bidu relativament kawtel, l-attività tan-Netwerk aċċelerat malajr u laħqed total ta' 719 talba<sup>12</sup> għal assistenza reċiproka f'sentejn, li minnhom 327 talba nħolqu fl-2007 u 392 fl-2008. 40 % tat-talbiet għal tagħrif u 30 % tat-talbiet għall-infurzar kien magħluqa mill-awtoritajiet matul l-istess perjodu.

Il-maġgioranza tal-każijiet kien talbiet għall-informazzjoni (39 % tan-numru totali tal-każijiet) u talbiet għal miżuri ta' infurzar biex jitwaqqaf ksur ikkonfermat tal-leġiżlazzjoni (37 % tan-numru totali tal-każijiet). It-talbiet għall-infurzar kważi rduppjaw matul is-sentejn, u għalhekk irreġistraw l-akbar tkabbir.

Barra minn hekk, in-Netwerk KPK nediet żewġ eżerċizzji konġunti ta' sorveljanza u infurzar tas-suq ("sweeps") li saru fil-forma ta' inkjesti permezz tal-internet: waħda fuq siti li jbiegħu bil-jettieġ tal-ajru fl-2007 u waħda fuq siti li joffru ring tones għat-telefon ċellulari fl-2008. Ix-xogħol ta' infurzar għadu għaddej fir-rigrward tas-sweep tal-2008.

<sup>9</sup> Setturi oħrajn koperti jinkludu: Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, ĠU L 46, 17.2.2004; Id-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku, ĠU L 178, 17.7.2000;

<sup>10</sup> Id-Direttiva 2002/58/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika: L-Artikolu 13 rigward il-ħarsien tal-konsumaturi (ĠU L 2001, 31.07.2002, p.37).

<sup>11</sup> Proposta għal Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew fuq l-ilmiġiet interni navigabbi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-prottezzjoni tal-konsumaturi [COM(2008)816]

Proposta għal Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fuq xarabanks pubbliċi u privati u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-konsumaturi [COM(2008)817]

<sup>12</sup> Skont il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-KPK, l-awtoritajiet jistgħu jew sempliċiement jibagħtu messaġġ ta' avviż ('twissija') lill-awtoritajiet l-oħrajn, jitolbu tagħrif rilevant biex jappoġġjaw l-investigazzjonijiet tagħhom jew ix-xogħol ta' infurzar ('talbiet għal tagħrif') jew jitolbu awtoritā oħra tieħu miżuri xierqa biew twaqqaf prattika li hija fi ksur tal-leġiżlazzjoni ('talbiet ta' infurzar')

Il-maġġoranza tal-ksur fis-CPCS kien jikkonċerna dispożizzjonijiet ta' pubbliċità qarrieqa<sup>13</sup> (kważi terz mill-każijiet kollha) u prattiċi kummerċjali onlajn (internet u e-mail). F'termini ta' setturi, iż-żewġ sweeps tal-UE ikkontribwew għat-tkabbir tan-numru ta' talbiet għal assistenza reċiproka fis-setturi fejn l-awtoritajiet wettqu r-rikjesti tagħhom, jiġifiera t'-trasport' u l-'komunikazzjoni'. L-aktar sorprendenti kien in-nuqqas jew in-numru baxx ta' każijiet<sup>14</sup> dwar ċerti direttivi<sup>15</sup>.

L-attivitajiet tan-Netwerk digħi qed jiproduċu riżultati tangħibbi għall-konsumaturi. Bħala eżempju, is-sweep dwar il-linji tal-ajru wasslet biex il-linji tal-ajru progressivament itejbu l-proċess ta' riżervazzjoni onlajn u s-siti biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-legħiżlazzjoni tal-UE.

### **3.2. L-għodda tal-IT**

In-numru dejjem akbar ta' każijiet KPK u r-rispons tal-Istati Membri jikkonfermaw li l-għodda tal-IT qiegħda b'mod ġenerali tilħaq l-aspettattivi tal-awtoritajiet u sservi l-ġhan tagħha li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni.

Madankollu, hemm bżonn ta' aktar titjib. B'mod partikolari, l-Istati Membri qajmu l-punti li ġejjin:

- Il-prezz għoli biex wieħed jaqbad mas-sistema TESTA b'mod sigur – in-netwerk użata mis-CPCS. Din hija kwistjoni b'mod partikolari għall-awtoritajiet li rari jużaw is-sistema minħabba n-numru żgħir ta' każijiet fil-qasam ta' kompetenza tagħhom;
- Id-dewmien fl-implementazzjoni ta' verżjonijiet ġodda u ta' verżjonijiet b'funzjonalità mtejba;
- In-nuqqas ta' ċertu funzjonalità fl-għodda tal-IT, b'mod partikolari karatteristiċi li jappoġġjaw il-preparazzjoni u l-koordinazzjoni ta' sorveljanza konġunta tas-suq u eżerċizzji ta' infurzar skont l-Artikolu 9 ta-Regolament KPK.

Sfida oħra hija li wieħed jiżgura li l-utenti kollha jkunu kapaċi jużaw l-għodda tal-IT kif meħtieġ, jiġifieri inkluż dawk li jaħdmu f'żoni fejn hemm ftit li xejn attivitā relatata mal-KPK. Xi Stati Membri jixtiequ li s-CPCA tinkludi interfaces f'diversi lingwi.

### **3.3. It-thaddim tan-Netwerk: in-nuqqasijiet prinċipali**

L-esperjenza akkwistata minn mindu n-Netwerk KPK twaqqfet tiżvela xi nuqqasijiet fil-mod kif l-awtoritajiet jaħdmu flimkien:

<sup>13</sup> Dawn kienu ksur fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE dwar pubbliċità qarrieqa sal-aħħar tal-2007, meta d-dispożizzjonijiet dwar pubbliċità qarrieqa fir-rigward ta' kummer ġħar-relazzjonijiet tal-konsumatur bdew jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttiva tal-Prattiċi Inġusti tal-Kummerċ 2005/29/KE.

<sup>14</sup> jiġifieri anqas minn 10 talbiet f'sentejn, li ħafna minnhom kienu twissijiet Ara l-Anness 1 għal aktar dettalji.

<sup>15</sup>

- Numru sinifikanti ta' awtoritajiet innotifikati jew mhumiex imqabbda mas-sistema jew ma jużawx is-sistema b'mod attiv, jiġifieri mhumiex qed jagħmlu talbiet għal assistenza reċiproka, għalkemm din hija kundizzjoni li trid teżisti għat-tħaddim effettiv tan-Netwerk KPK. Terz mill-awtoritajiet li għandhom aċċess u password mhumiex qed jużaw is-CPCS b'mod attiv<sup>16</sup>;
- It-talbiet qed jieħdu aktar u aktar żmien biex jingħalqu: eżempju ċar ta' dan huwa l-fatt li, filwaqt li t-talbiet għal tagħrif kienu magħluqa f'medja ta' 81 ġurnata sa Ġunju 2008, din il-medja telgħat għal 148 ġurnata sal-aħħar tal-2008. Dan jista' jkun parzjalment spjegat minn żieda fil-kumplessità tal-każijiet transkonfinali, iżda dan huwa spiss indikatur ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti jew rekwiżiti operattivi oħrajn;
- L-awtoritajiet qed jużaw l-għodda tal-IT b'modi differenti, liema modi jista' jkun li qed ikollhom impatt negattiv fuq l-isforzi ta' kooperazzjoni tagħhom. Luuza ta' twissijiet, pereżempju, qed joħloq diżgwid bejn il-membri tan-Netwerk li huma favur trażmissjoni wiesgħa lill-awtoritajiet kollha u dawk li jippreferu approċċ aktar selettiv. Il-kunsiderazzjonijiet dwar ir-riżorsi huma fiċ-ċentru ta' din id-diskussjoni, billi l-awtoritajiet iridu jivverifikaw jekk il-ksur huwiex qed jaffettwa l-konsumaturi nazzjonali. Xi drabi l-informazzjoni importanti tkun nieqsa, u dan jikkistringi lill-awtoritajiet ifixtu kjarifikazzjoni ulterjuri u/jew jagħmlu inkjesti aktar fit-tul;
- Ir-regoli ta' implementazzjoni għandhom bżonn ikunu riveduti fid-dawl tal-esperjenza prattika miksuba fl-ewwel sentejn tat-tħaddim tan-Netwerk. Ir-regoli għall-kanċellazzjoni tal-każijiet (l-aktar twissijiet) mhumiex konsistenti u ċerti aspetti tal-protezzjoni tad-dejta hemm bżonn li jkunu kkjarifikati. Hemm bżonn ukoll ta' verifika realistica fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet, bħal-limiti ta' żmien stipulati għat-trażmissjoni ta' talbiet jew risposti.
- Ir-Regolament 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru li huwa kopert bir-Regolament tal-KPK jiprovd għall-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali ta' infurzar tiegħu stess. Dawn l-awtoritajiet għandhom is-setgħa li jieħdu miżuri ta' infurzar kontra l-operaturi, kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk li mhumiex, li jkunu jaħdnu fit-territorju tagħhom. Dan seta' kkontribwixxa għal użu limitat tan-Netwerk tal-KPK f'dan is-settur.

Ix-xogħol ta' infurzar tan-Netwerk żvela ukoll li hemm kwistjonijiet ta' natura aktar orizzontali li jridu jkunu indirizzati jekk in-Netwerk trid tilħaq il-potenzjal kollu tagħha.

- Hemm bżonn li jkun żviluppat ftehim komuni tal-fatturi rilevanti u interpretazzjoni komuni tar-regoli ta' ħarsien tal-konsumatur tal-UE bħal, ngħidu aħna, definizzjoni tal-“interessi kollettivi tal-konsumatur”. Diversi opinjonijiet ħarġu wkoll bħala riżultat tal-mod kif l-acquis tal-konsumatur jinteragħixxi ma' biċċiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;

---

<sup>16</sup>

Ara t-taqṣima rilevanti fl-Anness 1

- Il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbi meta l-awtoritajiet pubbliċi qed jeżerċitaw il-poteri tagħhom u sa liema punt japplika l-obbligu ta' kooperazzjoni introdott mir-Regolament KPK;
- Biex ikollha l-aħjar impatt bix-xogħol tagħha u biex tiżviluppa f'saħħa diżważiva madwar l-UE, in-Netwerk għandha bżonn profil aktar għoli.

## **4. IL-QAFAS USA' GĦALL-KOOPERAZZJONI**

### **4.1. L-attivitatjiet komuni u l-iskambju ta' uffiċjali**

Apparti d-dispożizzjonijiet proċedurali ta' kooperazzjoni, ir-Regolament KPK jimmira li jinkoragħixxi l-iskambju tal-aħjar prattika u l-kooperazzjoni permezz ta' ħidma flimkien fi proġetti komuni jew attivitatjiet konġunti kif ukoll skema għall-iskambju ta' uffiċjali li għalihom il-Kummissjoni tiprovvdi fondi. Il-firxa ta' attivitatjiet hija għalhekk wiesgħa ħafna: minn seminars, korsijiet ta' taħriġ, miżuri biex iqajmu kuxjenza għal proġetti li jiżviluppaw standards komuni, metodoloġiji u metodi ta' infurzar.

In-Netwerk daħlet għal diversi minn dawn il-proġetti u skambji fl-ewwel sentejn operattivi tagħha, iżda għamlet użu limitat mill-mezzi finanzjarji li l-Kummissjoni pprovdiet fl-2008. Id-diffikultajiet prinċipali msemmija mill-Istati Membri huma:

- L-attivitatjiet u l-iskemi mhumiex magħrufa sew mill-awtoritajiet;
- Jeżisti riskju ta' telf ta' riżorsi fuq diversi proġetti differenti liema riskju jista' jnaqqas l-effettività tan-Netwerk
- Il-kumplessitajiet amministrattivi fil-proċedura ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-għotjiet, b'mod partikolari għall-mexxej(ja) tal-proġetti.

### **4.2. Il-kooperazzjoni ta' infurzar ma' pajjiżi terzi**

L-Artikolu 18 tar-Regolament jistipula l-bażi legali biex wieħed jidħol fi ftehim ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' infurzar f'pajjiżi terzi.

F'dinja dejjem aktar globalizzata, il-bażi għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tapplika wkoll għar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet barra l-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali ma' dawk il-pajjiżi li digħi għandhom rabtiet ekonomiċi mal-Istati Membri. Il-kuntatti li jesploraw l-għażiex għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u tal-Iż-żvizzera, li t-tnejn li huma kienu identifikati bħala prioritajiet fid-diskussjonijet mal-Istati Membri, qed jingħataw aktar importanza.

## **5. KONKLUŻJONIJIET**

### **5.1. Ġenerali**

Ir-Regolament KPK wera li huwa għodda b'saħħitha ta' infurzar li ssahħħah il-livell ta' ħarsien tal-konsumatur madwar l-UE. Dan indirizza l-qabża li kienet teżisti billi ta'

lill-awtoritajiet ta' infurzar nazzjonali mezz biex wieħed iġib fit-tmiem prattiċi kummerċjali li jagħmlu ħsara lill-konsumaturi f'sitwazzjonijiet transkonfinali u għamilha aktar faċċi biex awtoritajiet diversi jaġixxu flimkien biex jinħoloq ambjent ta' infurzar kredibbli fl-UE.

In-Netwerk qed tipproducி riżultati tangħibbli għall-konsumaturi. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Spanjoli u Franċiżi pereżempju wasslet għall-arrest ta' 87 persuna f'April 2008 u lotterija fittizzja operata minn Spanja ġiet imwaqqfa. L-isweeps tal-UE huma eżempju ċar ieħor ta' kooperazzjoni simili.

Il-valutazzjoni tal-ewwel sentejn ta' operat tan-Netwerk madankollu turi li din għadha ma laħqitx il-potenzjal kollu tagħha u identifikat numru ta' nuqqasijiet. Il-priorità tal-Kummissjoni hija li taħdem mill-qrib fi sħab mal-Istati Membri biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-qafas legali eżistenti. Hija tirriserva d-dritt, bħala l-aħħar alternattiva, li tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li b'mod persistenti u sistematiku jonqsu milli jonoraw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament.

## 5.2. Il-konsolidazzjoni tan-Netwerk KPK

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tikkonsolida n-Netwerk billi tiżgura li l-awtoritajiet kollha indikati mill-Istati Membri jużaw is-sistema tal-IT b'mod attiv. L-għodda tal-IT qed tkun żviluppata aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-iż-żvilupp ta' karakteristiċi ġodda u żieda fil-faċilità ta' użu tal-utenti. Il-kapaċitā ta' taħriġ kienet imtejba permezz tal-ħolqien ta' Netwerk ta' persuni nazzjonali li jipprovdu taħriġ fl-aħħar tal-2008.

Waħda mill-kwistjonijiet prinċipali f'dan il-kuntest hija li jkun żgurat li jkunu allokati riżorsi agedwati lill-awtoritajiet filwaqt li jkunu kkunsidrati r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-krīza ekonomika kurrenti. Kwistjoni oħra se tkun l-identifikazzjoni u l-indirizz tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' użu tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-KPK mill-awtoritajiet f'ċerti oqsma.

## 5.3. It-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tan-Netwerk

In-Netwerk KPK għandha tibbenfika minn titjib fl-effiċjenza tal-operat tagħha permezz ta' serje ta' miżuri li matul iż-żmien jistgħu jwasslu għal reviżjoni tar-Regolament KPK.

- Ir-regoli Implementattivi se jkunu riveduti fl-2010 biex jindirizzaw nuqqasijiet, jirrevedu miżuri eżistenti fid-dawl ta' għarfien miksub matul dawn l-aħħar sentejn u biex jiżguraw mod konsistenti u aktar veloċi biex wieħed jindirizza talbiet għal assistenza reċiproka.
- L-iskambju ta' opinjonijiet, esperjenza u prattika tajba permezz tad-diskussionijiet fil-Kumitat KPK u fil-laqgħat ta' ħidma ddedikati se jkunu użati biex ikunu żviluppati standards u tekniki komuni, manwali u dokumenti oħrajn ta' gwida għall-utenti tal-KPK bħal linji gwida u mistoqsijiet li jistaqsew spiss (FAQ);

- L-adozzjoni ta' Pjan annwali ta' Azzjoni ta' Infurzar, introdott fl-2008, għandu jikkontribwixxi biex jiffoka aktar l-attivitajiet tan-Netwerk. Permezz tal-użu ta' bażi ta' evidenza aktar wiesgħa, permezz tal-użu ta' dejta miġbura min-Netwerk ta' Ċentri tal-Konsumatur Ewropej<sup>17</sup> u mit-Tabella tas-Swieq tal-Konsumatur<sup>18</sup>, kif ukoll mit-tagħrif provdut mill-awtoritajiet nazzjonali, l-attivitajiet tan-Netwerk ikunu msaħħa u kkonċentrati aktar. Il-pjanijiet annwali għandhom eventwalment ikunu inklużi f'qafas ġenerali tal-prioritajiet fuq medda twila ta' żmien mal-Istati Membri;
- L-eżerċizzji konġunti, bħall-isweeps tal-UE, għandhom jibqgħu jiffurmaw parti importanti mill-attivitajiet tan-Netwerk KPK billi dawn jipprovd l-perspettiva tal-UE lix-xogħol tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar mitlub mis-suq intern. Hekk kif in-Netwerk ikollha aktar esperjenza, hija tibbenefika mill-eżaminar ta' metodi ġoddha ta' kif issir sorveljanza tas-suq konġunta u/jew xogħol ta' infurzar konġunt.
- In-Netwerk għandha taħdem lejn ftehim komuni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-konsumatur. Il-Kummissjoni bdiet tiżviluppa gwida konsultattiva għall-awtoritajiet permezz ta' diskussioniet iddedikati f'seminars u f'laqgħat ta' ħidma kif ukoll bil-promozzjoni ta' għodod eżistenti bħall-Kompendju tal-Liġi tal-UE dwar il-Konsumatur<sup>19</sup> jew id-dejtabejż konsultattiv ippjanat li jiffoka fuq id-Direttiva UCP.
- Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri se tistipula l-aktar mezzi xierqa (pereżempju attivitajiet tal-midja immirati jew sit elettroniku KPK) biex tagħti aktar viżibbiltà lill-attivitajiet tan-Netwerk. Dan se jagħti messaġġ qawwi ta' infurzar lis-swieq. L-attivitajiet li jqajmu l-kuxejnza tal-konsumatur se jikkontribwixxu wkoll għal dan il-ġhan.

#### **5.4. It-tishħiħ tal-qafas għall-kooperazzjoni amministrattiva**

In-Netwerk KPK għandha tibbenefika mill-iżvilupp ulterjuri tal-potenzjal għall-kooperazzjoni pprovdu mir-Regolament, inkluż proġetti tal-Kummissjoni biex jitjieb il-ġbir tad-dejta dwar kwistjonijiet tal-konsumatur u għall-iżvilupp ta' sistema komuni ta' klassifikazzjoni tal-ilmenti. Din it-tip ta' attivitā toħloq ambient favorevoli għat-tkattir ta' fiduċja bejn l-awtoritajiet u għall-iskambju ta' għarfien, għarfien espert u l-aħjar prattiċi, u b'hekk ittejjeb il-kwalità u l-effettività tax-xogħol ta' infurzar madwar l-UE.

Għaldaqstant, l-inkoraġġiment ta' dawn l-azzjonijiet konġunti permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għadu priorità tal-Kummissjoni, b'mod partikolari f'attivitajiet li jikkontribwixxu għat-tijib tax-xogħol tan-Netwerk fil-forma ta' manwali, standards komuni jew metodoloġiji (pereżempju il-manwal dwar kif isiru sweeps żviluppat fl-2008 minn grupp ta' awtoritajiet li se jkun ittestjat fl-eżerċizzju

<sup>17</sup> L-ECC-Net hija inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, li tiprovd iż-żiġi lill-konsumaturi b'tagħrif prattiku, pariri dwar id-drittijiet tagħhom u assistenza dwar ilmenti transkonfinali.

<sup>18</sup> L-Ewwel edizzjoni tat-Tabella tas-Swieq tal-Konsumatur COM (2008) 31 finali u t-Tieni edizzjoni tat-Tabella tas-Swieq tal-Konsumatur COM (2009) 25/3

<sup>19</sup> Il-Kompendju jgħaqquad l-acquis tal-Konsumatur, il-ġurisprudenza tal-QEġ, il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali u l-każistika nazzjonali

tal-2009). Il-laqgħat preparatorji għall-azzjonijiet konġunti għandhom jikkontribwixxu biex id-diffikultajiet amministrattivi li qed jaffaċċjaw l-awtoritatjiet meta japplikaw għal fondi mill-UE jkunu megħluba.

## ANNESS I

### 1. Numru totali ta' talbiet għal assistenza reċiproka

<i>Sena</i>	<i>Twissijiet</i> <i>(Art. 7)</i>	<i>Talbiet għal Tagħrif</i> <i>(Art. 6)</i>	<i>Talbiet ta' Infurzar</i> <i>(Art. 8)</i>	<i>TOTAL</i> <i>Stati Membri biss</i>	<i>TOTAL</i> <i>Inkluż it-talbiet tal-pajjiżi taż-ŻEE</i>
2007	71	161	95	317	327
2008	100	122	170	384	392
<b>TOTAL</b>	<b>171</b>	<b>283</b>	<b>265</b>	<b>701</b>	<b>719</b>

### 2. Talbiet għal assistenza reċiproka għal kull direttiva miksura (2007 – 2008)

	<i>Art. 6 Tagħrif</i>		<i>Art. 7 Twissijiet</i>		<i>Art. 8 Infurzar</i>		<i>TOTAL</i>
	2007	2008	2007	2008	2007	2008	
Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali	1	86	0	40	4	73	<b>204</b>
Direttiva 84/450/KEE dwar reklamar qarrieqi	48	0	34	0	35	0	<b>117</b>
Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku	3	9	7	20	15	48	<b>102</b>
Direttiva 93/13/KE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi	21	10	15	7	10	14	<b>77</b>
Direttiva 97/7/KE dwar kuntratti li jsiru mill-bogħod	11	4	4	11	9	22	<b>61</b>
Direttiva 97/55/KE li jemenda d-Direttiva 84/450/EEC dwar reklamar qarrieqi sabiex tinkludi reklamar komparativ	40	0	4	0	3	0	<b>47</b>
Direttiva 94/47/KE dwar timesharing	27	0	1	1	0	0	<b>29</b>

Direttiva 85/577/KE dwar kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju	1	10	0	6	1	0	<b>18</b>
Direttiva 2001/83/KE dwarf prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem	2	0	3	2	6	2	<b>15</b>
Direttiva 1999/44/KE dwarf il-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom	2	1	1	3	3	4	<b>14</b>
Regolament (KE) Nru 261/2004 dwarf imbarkazzjoni miċħuda u kanċellazzjoni jew dewmien twil fit-titjiriet	1	1	1	2	3	4	<b>12</b>
Direttiva 98/6/KE dwarf l-indikazzjoni tal-prezzijiet	0	0	0	1	2	3	<b>6</b>
Direttiva 90/314/KE dwarf il-vjaġġi kollex kompriż (package travel), il-vaganzi kollex kompriż u t-tours kollex kompriż	2	1	0	2	1	0	<b>6</b>
Direttiva 2002/65/KE dwarf it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji tal-konsumaturi	0	0	1	3	1	0	<b>5</b>
Direttiva 87/102 dwarf il-kreditu lill-konsumaturi	1	0	0	1	0	0	<b>2</b>
Direttiva 89/552 dwarf l-attivitjet tax-xandir tat-televiżjoni	0	0	1	1	0	0	<b>2</b>

### **3. Talbiet għal assistenza reċiproka għal kull settur (2007 – 2008)**

	2007			2008			<b>Total</b>
	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	
Ilbies u żraben	1	0	0	0	5	0	6
Komunikazzjoni	0	2	1	4	25	15	47
Edukazzjoni	1	0	0	0	2	0	3
Ikel u xorb mhux alkoħoliku	1	1	1	2	0	0	5
Għamara, tagħmir tad-dar u manutenzjoni ta' rutina tad-dar	0	1	0	1	1	1	4

Saħħha	6	11	6	5	14	6	48
Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u karburanti oħrajn	0	0	0	1	0	0	1
Servizzi u oġġetti mixxellanji	30	10	9	8	24	12	93
Mhux klassifikabbli	10	9	4	59	39	35	156
Rikreazzjoni u kultura	35	13	4	15	13	17	97
Ristoranti u lukandi	5	2	1	19	0	8	35
Trasport	72	46	45	8	47	6	224
<b>TOTAL</b>	<b>161</b>	<b>95</b>	<b>71</b>	<b>122</b>	<b>170</b>	<b>100</b>	<b>719</b>

**4. Numru ta' jiem (medja) biex talba għal assistenza reċiproka tkun magħluqa fis-CPCS**

	Ġunju 2008	Ottubru 2008	Diċembru 2008
Talbiet għal tagħrif (art. 6)	81	132	148
Talbiet għal Infurzar (art. 8)	123	173	177

**5. Talbiet għal assitenza reċiproka maħruġa minn kull Stat Membru fl-2007**

	<i>Talbiet għal Tagħrif</i>	<i>Twissijiet</i>	<i>Talbiet għal Infurzar</i>	<b><i>TOTAL</i></b>
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	
Il-Belġju	42	51	35	128
Il-Bulgarija	4	0	8	12
Ir-Repubblika Ċeka	1	0	1	2
Id-Danimarka	12	0	0	12
Il-Ġermanja	1	2	2	5
L-Estonja	1	1	6	8
L-Irlanda	0	0	0	0
Il-Greċja	0	0	0	0
Spanja	0	0	0	0
Franza	19	7	14	40
L-Italja	0	2	0	2
Ċipru	0	0	0	0
Il-Latvja	0	1	3	4
Il-Litwanja	0	0	0	0

Il-Lussemburgu	0	0	0	0
L-Ungerija	68	2	0	70
Malta	0	0	0	0
L-Olanda	3	0	0	3
L-Awstrija	1	0	1	2
Il-Polonja	0	0	1	1
Il-Portugall	0	0	0	0
Ir-Rumanija	0	0	0	0
Is-Slovenja	0	0	0	0
Is-Slovakkja	0	0	2	2
Il-Finlandja	5	0	0	5
L-Iżvezja	3	0	4	7
Ir-Renju Unit	0	5	9	14
<b>TOTAL</b>	<b>160</b>	<b>71</b>	<b>86</b>	<b>317</b>

**6. Talbiet għal assitenza reċiproka maħruġa minn kull Stat Membru fl-2008**

	<i>Talbiet għal Tagħrif</i>	<i>Twissijiet</i>	<i>Talbiet għal Infurzar</i>	<i>TOTAL</i>
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	
Il-Belġju	28	43	48	119
Il-Bulgarija	0	0	2	2
Ir-Repubblika Ċeka	0	0	0	0
Id-Danimarka	0	1	13	14
Il-Ġermanja	3	2	7	12
 L-Estonja	10	0	2	12
L-Irlanda	0	0	0	0
Il-Greċja	0	0	0	0
Spanja	0	0	8	8
 Franza	7	0	9	16
 L-Italja	1	1	0	2
Ċipru	0	0	0	0
Il-Latvja	0	1	10	11
Il-Litwanja	0	0	0	0

Il-Lussemburgu	0	0	0	0
L-Ungerija	6	4	20	30
Malta	0	0	0	0
L-Olanda	2	4	7	13
L-Awstrija	1	1	1	3
Il-Polonja	2	0	7	9
Il-Portugall	0	1	0	1
Ir-Rumanija	0	0	0	0
Is-Slovenja	0	0	0	0
Is-Slovakkja	0	0	3	3
Il-Finlandja	0	20	11	31
L-Iżvezja	15	10	8	33
Ir-Renju Unit	43	12	10	65
<b>TOTAL</b>	<b>118</b>	<b>100</b>	<b>166</b>	<b>384</b>

**7. Talbiet għal assitenza reċiproka rċevuti minn kull Stat Membru fl-2007**

	<i>Talbiet għal Tagħrif</i>	<i>Twissijiet</i>	<i>Talbiet għal Infurzar</i>	<i>TOTAL</i>
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	
Il-Belġju	7	54	0	67
Il-Bulgarija	2	55	0	57
Ir-Repubblika Ċeka	4	55	0	59
Id-Danimarka	7	55	2	64
Il-Ġermanja	10	55	7	72
L-Estonja	2	53	2	57
L-Irlanda	7	56	9	72
Il-Greċja	2	55	1	58
Spanja	10	52	10	72
Franza	6	56	3	65
L-Italja	3	54	2	59
Ċipru	3	56	1	60
Il-Latvja	5	54	4	63
Il-Litwanja	2	54	1	57
Il-Lussemburgu	4	56	2	62

L-Ungerja	4	55	4	63
Malta	1	54	0	55
L-Olanda	27	60	15	102
L-Awstrija	4	56	7	67
Il-Polonja	3	55	3	61
Il-Portugall	5	55	0	60
Ir-Rumanija	3	49	1	53
Is-Slovenja	2	54	1	59
Is-Slovakkja	8	55	2	65
Il-Finlandja	3	54	1	58
L-Iżvezja	6	54	5	65
Ir-Renju Unit	18	63	9	90
<b>TOTAL</b>	158	*)	92	*)

\*) It-twissijiet huma mibgħuta lil diversi awtoritajiet fl-istess ħin. In-numru totali ta' twissijiet irċevuti mill-Istati Membri għaldaqstant jinkludi l-istess twissija diversi drabi.

**8. Talbiet għal assitenza reċiproka rċevuti minn kull Stat Membru fl-2008**

	<i>Talbiet għal Tagħrif</i>	<i>Twissijiet</i>	<i>Talbiet għal Infurzar</i>	<i>TOTAL</i>
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	
Il-Belġju	9	70	6	85
Il-Bulgarija	0	63	0	63
Ir-Repubblika Ċeka	2	63	1	66
Id-Danimarka	1	64	1	66
Il-Ġermanja	13	68	20	101
L-Estonja	0	64	7	71
L-Irlanda	2	63	19	84
Il-Greċja	5	63	0	68
Spanja	29	59	10	98
Franza	5	65	18	88
L-Italja	3	51	8	62
Ċipru	0	64	0	64
Il-Latvja	1	63	2	66
Il-Litwanja	1	63	3	67

Il-Lussemburgu	1	68	1	70
L-Ungerija	3	55	3	61
Malta	1	54	0	55
L-Olanda	24	59	37	120
L-Awstrija	3	66	3	72
Il-Polonja	1	63	1	65
Il-Portugall	1	63	4	68
Ir-Rumanija	0	53	0	53
Is-Slovenja	1	64	2	67
Is-Slovakkja	4	63	5	72
Il-Finlandja	1	74	0	75
L-Iżvezja	2	72	5	79
Ir-Renju Unit	8	65	11	84
<b>TOTAL</b>	<b>121</b>	<b>*)</b>	<b>167</b>	<b>*)</b>

\*) It-twissijiet huma mibgħuta lil diversi awtoritajiet fl-istess ħin. In-numru totali ta' twissijiet rċevuti mill-Istati Membri għaldaqstant jinkludi l-istess twissija diversi drabi.

**9. Konnessjonijiet mas-CPCS u l-kontroll tal-użu**

	<i>Numru ta' awtoritajiet responsabqli li qatt ma talbu aċċess</i>	<i>Numru ta' awtoritajiet li qatt ma użaw is-CPCS minkejja li għandhom aċċess</i>	<i>Numru totali ta' awtoritajiet responsabqli li għandhom aċċess għas-CPCS</i>
<i>Novembru 2008</i>	<i>12</i>	<i>127</i>	<i>252</i>
<i>Frar 2009</i>	<i>mhux applikabbli</i>	<i>78</i>	<i>252</i>